**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 24 ta' April 2024**

**Rikors Numru: 284/2011 MLF**

**Mobisle Communications Ltd u b'digriet tat-2 ta' Marzu 2016 is-socjeta' GO plc assumiet l-atti tal-kawza minflok is-socjeta' Mobisle Communications Ltd**

**vs**

**Kristof Scicluna**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' seba t'elef hames mija u dsatax-il Ewro u sebgha w sebghin centezmu (€7,519.77), rapprezentani ammont minnu dovut in konnessjoni ma' servizz lilu rez in konnessjoni ma' diversi servizzi (AC50956547 u 50964600).

   Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

2. Rat ir-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:

   i. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti t-talba tas-socjeta' attrici hija wahda intempestiva u dan stante illi waqt li l-

partijiet kienu bdew jittransigu l-kwistjoni l-atturi kellhom jaghtu xi dokumenti u *log-ins* li baqghu qatt ma' inghataw lill-konvenut;

ii. Illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa wiehed esagerat;

iii. Illi parti sostanzjali tal-ammont mitlub ma hux dovut mill-konvenut kif ser jirrizulta waqt il-provi u t-trattazzjoni tal-kawza stante li ntalab hlas ghal telefonati maghmulha ghall-esteru liema telefonati ma gewx mwettqa mill-konvenut;

iv. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-konvenut hu u dejjem kien dispost li jhallas unikament ghat-telefonati minnu maghmula;

v. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

3. Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, semghet it-trattazzjoni orali tal-avukati difensuri taghhom.

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

i. Fit-12 ta' Awwissu 2009 il-konvenut iffirma kuntratt mas-socjeta' attrici li permezz tieghu intrabat li jzomm abbonament mas-socjeta' attrici ghal perjodu ta' tlett snin, u dan in konnessjoni ma' laptop tal-ghamla Lenovo S10.[1] Imbaghad fl-14 ta' Settembru 2009 iffirma kuntratt iehor mas-socjeta' attrici li permezz tieghu intrabat li jzomm abbonament mas-socjeta' attrici ghal perjodu ta' sentejn, u dan in konnessjoni ma' telefon cellulari tal-ghamla Samsung S3600.[2]

[1] Ara Dok KG6 a *fol*. 7 tal-process.
[2] Ara Dok KG7 a *fol*. 10 tal-process

ii. Simone Whiteman, *Credit Control Manager* fi hdan is-socjeta' attrici xehedet li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici jinkludi kemm servizz ta' telefon cellulari li dwaru l-konvenut ghandu jaghti bilanc ta' €6,468.20 bhala servizz provdut bejn is-sena 2009 u 2010, u s-somma ta' €199.99 bhala *complimentary agreement penalty* fuq it-telefon cellulari, kif ukoll l-ammont ta' €881.48 bhala *complimentary agreement penalty* fuq il-laptop. Spjegat li din il-penali ssir dovuta meta l-klijent ma jkunx zamm il-kuntratt ghat-terminu miftiehem.[3]

iii. F'xi zmien qabel ma nbdew il-proceduri odjerni, kienet inzammet laqgha bejn rapprezenanti tas-socjeta' attrici, familjari tal-konvenut, il-konvenut innifsu u l-avukat difensur tieghu. Waqt din il-laqgha il-konvenut kien talab sabiex jinghata *itemised bill, client history* u lista ta' *log-ins* li saru mit-telefon cellulari tieghu. Is-socjeta' attrici kienet provdiet lill-konvenut *itemised bill* filwaqt li nfurmatu li ma setghetx tipprovdih bil-lista ta' *log-ins* minghajr id-debita awtorizazzjoni.[4]

iv. Fuq talba li saret mill-konvenut fil-mori ta' dawn il-proceduri permezz ta' rikors datat 27 ta' Novembru 2012, b'digriet fil-5 ta' Dicembru 2012 din il-Qorti diversament preseduta ordnat lis-socjeta' attrici tesebixxi l-*log-ins* ghal perjodu li dwaru s-socjeta' attrici qeghda titlob il-hlas ghas-servizz tat-telefon cellulari.[5]

v. Anthony Bonnici, *Data Request Co-Ordinator* fi hdan is-socjeta' attrici xehed li huwa ma kienx f'posizzjoni li jipprovdi l-*localisation details* stante li kienet ghaddiet aktar minn sena minn meta saret il-komunikazzjoni, u wara dak il-perjodu tas-sena id-*Data* giet imhassra. Ix-xhud ikkonferma li l-konvenut kien ghamel numru ta' rapporti mas-socjeta' attrici sabiex titwaqqaf *sim card* partikolari u l-istess numru jigi abbinat ma *sim card* gdida. F'kaz bhal dak is-*sim card* l-antika ma tibqax attiva. Spjega li ma kienx possibbli li fl-istess waqt ikun hemm zewg *sim cards* abbinati mal-istess numru. Xehed li kien hemm kontinwita' bejn il-kontijiet li kienu qeghdin jigu kkontestati mill-konvenut u dawk ta' qabilhom. Spjega li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici jinkludi numru ta' fatturi, li maghhom hemm

[3] Ara x-xhieda ta' Simone Whiteman a *fol.* 148 tal-process
[4] Ara x-xhieda ta' Charmaine Galea Triganza a *fol.* 22 tal-process, ix-xhieda ta' Ronald Scicluna a *fol.* 29 tal-process u l-affidavit ta' Dr Michael Grech a *fol.* 43 tal-process
[5] Ara r-rikors tal-konvenut a fol. 39 u d-digriet a *fol.* 41 tal-process

anness l-*itemised bill* ghal kull fattura. Mistoqsi jispjega r-raguni ghaliex fl-*itemised bills* kien hemm telefonati li jidhru li saru kontemporanjament, ix-xhud spjega li ma kienx f'posizzjoni li jipprovdi tali spjegazzjoni.[6]

vi. Charmaine Galea Triganza, *Fraud Prevention Officer* fi hdan is-socjeta' attrici xehdet li hija kienet investigat dan il-kaz. Ix-xhud spjegat li huwa possibbli li bl-istess *sim card* isiru telefonati kontemporanjament, u dan peress li huwa possibli li telefonta titpogga *on hold* waqt li ssir telefonata ohra jew inkella billi diversi telefonati jinghaqdu flimkien f'forma ta' konferenza.[7]

vii. Letizia Scicluna, oht il-konvenut, xehdet li fil-bidu tas-sena 2010 kienet cemplet lil huha u kient wegbitha persuna b'lehen femminili li kellmitha bil-lingwa Gharbija u li meta rrimarkat ma' din il-persuna li t-telefon cellulari kien ta' huha inqatghet il-linja. Spjegat li hija kienet infurmat b'dan lill-konvenut li kien qalilha li kien tilef it-telefon cellulari tieghu gewwa Paceville. Xehdet li ghalhekk hi kienet cemplet fuq il-linja tas-socjeta' attrici biex taghmel rapport dwar dan u s-*sim card* titwaqqaf.[8]

viii. Ronald Scicluna, missier il-konvenut spjega li huwa kien iwassal lil ibnu ghall-iskola fejn kien jahdem, u li darba minnhom fil-gurnata tat-Tnejn il-konvenut kien infurmah li s-Sibt ta' qabel kienu serqulu l-mobile minn Paceville. Xehed li dakinhar, u cioe' fil-gurnata tat-Tnejn, huwa kien wassal lil ibnu sabiex jaghmel rapport fil-hanut tas-socjeta' attrici gewwa Rahal Gdid. Xehed li dak iz-zmien il-konvenut kien jahdem bhala Learning Support Assistant u ma kellux gharfien tal-lingwa Gharbija. Spjega li xi zmien wara l-konvenut kien ircieva kont minghand is-socjeta' attrici, u li peress li dak iz-zmien il-konvenut kien rikoverat l-isptar, fit-8 ta' April, 2010 huwa kien baght *email* lir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici fejn talabhom informazzjoni dwar l-andament tal-investigazzjoni. Xehed li xi zmien wara saret laqgha mar-rapprezentanti tas-socjeta' attrici.[9]

---

[6] Ara x-xhieda ta' Anthony Bonnici a *fol*.135, il-kontro-ezami tieghu a *fol*. 157 u d-dokumenti immarkati Dok AB1 minn *fol*. 54 sa *fol*. 133 tal-process
[7] Ara x-xhieda ta' Charmaine Galea Triganza a *fol*. 165 tal-process
[8] Ara x-xhieda ta' Letizia Scicluna a *fol*. 170 tal-process
[9] Ara x-xhieda ta' Ronald Scicluna a *fol*. 174 tal-process

ix. Il-konvenut xehed li f'Jannar tas-sena 2010 kien gewwa Paceville u ma setghax isib it-telefon cellulari tieghu. Spjega li kien informa b'dan lil ohtu li cemplet lis-socjeta' attrici u ghamlet rapport u sussegwentement fil-gurnata tat-Tnejn kien mar hu personalment fil-hanut tas-socjeta' attrici gewwa Rahal Gdid. Hemmhekk huwa kien talab lis-socjeta' attrici sabiex taghlaq is-*sim card* u ma kienx talabhom ituh *sim card* gdida ghaliex ried jistenna li jixtri telefon cellulari gdid. Madwar gimgha wara, kien talab lis-socjeta' attrici tatih l-istess numru fuq *sim card* gdida, izda xi familjari kienu nfurmawh li meta jipprovaw icemplulu kienet qeghda twiegeb persuna b'lehen femminili bil-lingwa Gharbija.

x. Il-konvenut qal li dakinhar stess kien rega' mar fil-hanut tas-socjeta' attrici gewwa Rahal Gdid u talabhom jaghlqulu t-tieni *sim card*. Xehed li minkejja dan is-*sim card* li kellu xorta wahda ghamlet xi zmien tahdem u matul dak iz-zmien hu kien jaghmel uzu minnha. Spjega li xi zmien wara kien ircieva kont gholi minghand is-socjeta' attrici u li meta investiga x'kienet ir-raguni r-rapprezentanti tas-socjeta' attrici kienu qalulu li saru diversi telefonati lejn pajjizi fl-Afrika. Spjega li dak iz-zmien huwa kien jahdem bhala Learning Support Assistant. Dwar il-laptop il-konvenut xehed li huwa kien iddispona minnu ghaliex ma baqax jahdem.[10]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Permezz ta' din il-kawza, is-socjeta' attrici qeghdha titlob lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut ihallasha ammont rapprezentanti penali allegatament dovuti lilha stante li l-konvenut ma onorax it-terminu tal-kuntratti minnu iffirmati mas-socjeta' attrici fir-rigward ta' servizz ta' telefon cellulari u iehor ta' laptop, kif ukoll ammont iehor rapprezentanti servizz provdut lill-konvenut fuq it-telefon cellulari.

7. Da parti tieghu l-konvenut laqa' ghat-talba tas-socjeta' attrici billi eccepixxa illi l-azzjoni hija intempestiva, illi l-ammont pretiz huwa esagerat, illi t-telefonati li taghhom qieghed jintalab il-hlas ma gewx imwettqa minnhu u li hu u dejjem kien dispost li jhallas ghat-telefonati maghmula minnu.

[10] Ara x-xhieda tal-konvenut a fol. 194 u 223 tal-process

*L-Ewwel Eccezzjoni – L-intempestivita' tal-azzjoni attrici*

8. Permezz ta' din l-ewwel eccezzjoni tieghu, il-konvenut jeccepixxi l-intempestivita' ta' l-azzjoni odjerna stante li huwa kien talab lis-socjeta' attrici tipprovdih b'dokumentazzjoni u cioe' *itemised bill, client history* u l-*localisation data* relattiva ghat-telefon cellulari tieghu fil-perjodu mertu tal-kontijiet in kwistjoni.

9. Huwa minnu li mill-provi prodotti jirrizulta li f'xi zmien qabel ma gew intavolati dawn il-proceduri, il-konvenut kien talab din id-dokumentazzjoni minghand is-socjeta' attrici. Jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet forniet lill-konvenut l-*itemised bill*, u cioe' dettalji dwar lil min u meta saru t-telefonati in kwistjoni, izda ma kinitx tatu l-*localisation details* stante li skond is-socjeta' attrici r-Regolamenti rilevanti fiz-zmien *de quo* kienu jipprekluduha milli tizvela tali informazzjoni.

10. Din il-Qorti hija tal-fehma li s-socjeta' attrici ma kellha ebda obbligu li tipprovdi lill-konvenut b'din l-informazzjoni qabel ma ntavolat il-proceduri odjerni. Il-fatt wahdu li s-socjeta' attrici laqghet it-talba tal-attur sabiex issir laqgha bl-iskop li jigu ndirizzati l-ilmenti li kellu l-konvenut dwar il-kontijiet ma kienux jipprojbuha milli tintavola dawn il-proceduri, partikolarment meta jirrizulta li s-socjeta' attrici kienet ghamlitha cara li ma kenitx ser tipprovdi l-informazzjoni mitluba mill-konvenut minghajr ordni ta' qorti kompetenti.

11. Konsegwentement, din l-ewwel eccezzjoni hija legalment infondata u qed tigi michuda.

*Il-Mertu*

12. Bit-tieni eccezzjoni tieghu, il-konvenut ecepixxa li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa wiehed esagerat.

13. Is-socjeta' attrici tippretendi hlas ta' €881.48 stante li hija tikkontendi li minkejja li fit-12 ta' Awwissu 2009, il-konvenut kien iffirma ftehim li permezz tieghu kien intrabat li jzomm abbonament mas-socjeta' attrici ghal perjodu ta' tlett snin, huwa naqas milli jaghmel dan, u konsegwentement ghandu jhallasha tali ammont bhala penali. Il-

posizzjoni tal-konvenut f'dan ir-rigward hija li l-valur ta' din il-penali ma kienx indikat fil-kuntratt iffirmat minnu, u lanqas ma jirrizulta minn xi prova ohra in atti. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu il-konvenut jargumenta li skond it-termini tal-kuntratt, huwa kien obbligat biss li jirritorna l-laptop lis-socjeta' attrici u li jhallas il-penali specifikati mis-socjeta' attrici fiz-zmien tal-iffirmar tal-ftehim, izda skond il-konvenut ma saritx prova dwar x'kienet din il-penali.

14. Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet li effettivament l-abboniment ma nzammx ghat-terminu shih mifthiem ta' tlett snin. Il-Qorti tqis li l-kuntratt tat-12 ta' Awwissu 2009 kien jistipola *access fee* fl-ammont ta' €35.99 u li f'kaz li l-abboniment jigi tterminat qabel it-tlett snin, is-socjeta' attrici kellha l-jedd li titlob penali kif stipulata fil-klawzola 13a. Din il-klawzola kienet tipprovdi hekk:

*"13) Termination*
*a) The Service may be terminated by GM at the Customer's request. In this event, the Customer shall be liable to pay in full a fee equivalent in amount to the remaining portion of the Term of this Agreement. The Devices provided as part of the Service remain the property of GM and must be returned to GM in good condition in the event of the termination of the Service."*[11]

15. Il-ftehim datat 12 ta' Awwissu 2009 kien ghal perjodu ta' tlett snin u ghalhekk kellu validita' sal-11 ta' Awwissu 2012. Jirrizulta li dan il-ftehim gie terminat fid-29 ta' Lulju 2011,[12] u cioe' ftit aktar minn tnax-il xahar qabel it-terminu mifthiem. Isegwi ghalhekk li ai termini tal-klawsola 13a tal-ftehim, il-konvenut intrabat li jhallas penali ekwivalenti ghall-ammont tal-parti li kien jifdal mit-terminu tal-ftehim, u cioe' l- *access fee* fl-ammont ta' €35.99 ghal tnax-il xahar ghal totali ta' €431.88, u mhux fl-ammont ta' €881.48 kif tippretendi s-socjeta' attrici. Huwa minnu li skond il-ftehim il-konvenut kien obbligat ukoll li jirritorna lis-socjeta' attrici il-laptop u li fuq ammissjoni tieghu stess huwa naqas milli jaghmel dan, madankollu is-socjeta' attrici naqset milli tipproduci prova dwar il-valur ta' dan il-laptop.

---

[11] Ara Dok KG6 a *fol.* 8
[12] Ara Dok KG5 a *fol.* 6 tal-process

16. Il-konvenut ressaq ukoll l-argument li missieru kien hallas l-ammont ta' €444.50 fuq dan il-laptop u li ghalhekk minn kwalunkwe ammont li jista' jkun dovut ghandha tigi mnaqqsa din is-somma. Il-konvenut jikkontendi li stante li f'wiehed mid-dokumenti esebiti mis-socjeta' attrici hemm indikat li fis-6 ta' Lulju 2010 is-servizz gie sospiz u ntbaghtet lilu ittra legali biex ihallas l-ammont ta' €881.48 bhala penali, ladarba l-hlas ta' €444.50 sar wara dik id-data allura dan necessarjament ifisser li tali hlas sar kontra dik il-penali.

17. Simone Whiteman, rapprezentant tas-socjeta' attrici kkonfermat li dan il-hlas kien fil-fatt sar u permezz tieghu il-konvenut kien hallas bilanc rapprezentanti s-servizz provdut u mhux il-penali.[13] L-artikolu 562 tal-Kodici ta' Procedura Civili jipprovdi illi l-oneru li jipprova fatt jinkombi fuq min jallega dak il-fatt. Dan ifisser illi jekk il-konvenut kien qieghed jallega li l-hlas fl-ammont ta' €444.50 sar specifikatament fir-rigward tal-penali kien jinkombi fuqu li jaghmel tali prova. Dan il-konvenut ma ghamlux minkejja li sa mill-bidu ta' dawn il-proceduri huwa kien jaf li s-socjeta' attrici qeghda tippretendi hlas tal-penali fuq dan is-servizz.

18. In oltre, hu principju accettat li fejn f'kawzi ta' natura civili jirrizulta kunflitt fil-verzjonijiet, il-kriterju li ghandu jigi applikat mill-gudikant mhuwiex jekk huwa jemminx l-ispjegazzjonijiet moghtija lilu b'mod assolut, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet jinducux fil-gudikant dik ic-certezza morali ghab-bazi tal-verosimiljanza u preponderanza tal-probabiltajiet. F'dan il-kaz il-Qorti tqis li hija aktar attendibbli l-verzjoni tas-socjeta' attrici li l-hlas ta' €444.50 maghmul mill-konvenut sar fir-rigward tas-servizz u mhux tal-penali, u dan tenut kont tal-fatt li s-servizz kien gie sospiz ghaliex kien hemm kontijiet pendenti li ma kienux qeghdin jithallsu.

19. Ammont iehor pretiz mis-socjeta' attrici huwa dak ta' €199.99 rapprezentanti penali allegatament dovuti mill-konvenut fir-rigward ta' ftehim datat 14 ta' Settembru 2009 li permezz tieghu intrabat li jzomm abbonament mas-socjeta' attrici ghal perjodu ta' sentejn u dan in konnessjoni ma' telefon cellulari. Il-konvenut jikkontendi li s-socjeta' konvenuta naqset milli ggib prova tal-valur tat-telefon cellulari u ghalhekk tali ammont mhuwiex dovut.

[13] Ara x-xhieda ta' Simone Whiteman a *fol.* 148 tal-process

20. Mill-atti processwali jirrizulta li l-ftehim datat 14 ta' Settembru 2009 kien ghal perjodu ta' sentejn u ghalhekk kellu validita' sat-13 ta' Settembru 2011. Bhal ma sehh fil-kaz tal-laptop, dan il-ftehim gie terminat fid-29 ta' Lulju 2011,[14] u cioe' qabel it-terminu mifthiem. Il-ftehim kien jistipola li "*Should the subscription be terminated before two (2) years from the date of this agreement, GO Mobile reserves the right to charge a penalty equivalent to 100% of the credit given as phone discount, or the equivalent of €49 (with a €20 Access Fee), €99 (with a €40 Access Fee) and €150 (with a €60 Access Fee) as penalty when taking the discount on usage.*"[15] Jirrizulta li l-ftehim *de quo* kien jistipola *access fee* fl-ammont ta' €40, u ghaldaqstant is-socjeta' attrici kellha l-jedd li titlob il-hlas tal-penali fl-ammont ta' €99, u mhux fl-ammont ta' €199.99 kif minnha pretiz.

21. Bit-tielet eccezzjoni tieghu, il-konvenut ecepixxa li parti sostanzjali tal-ammont mitlub mhuwiex dovut minnu stante li jirrigwarda telefonati maghmulha ghall-esteru minn terzi.

22. Is-socjeta' attrici tippretendi hlas ta' €6,468.20 bhala servizz provdut fuq it-telefon cellulari tal-konvenut. Dan l-ammont jirraprezenta numru ta' fatturi dovuti fuq dan is-servizz fil-perjodu bejn Novembru tas-sena 2009 u Lulju tas-sena 2010. Il-qofol tal-kontestazzjoni hija l-fattura bin-numru RB-552143-2010 fl-ammont ta' €5,934.76 relattiva ghax-xahar ta' Jannar 2010 minn fejn jirrizulta li oltre t-tariffi ghat-telefonati lokali, il-fattura tinkludi l-ammont ta' €4,671.37 bhala tariffi ghal telefonati internazzjonali.[16]

23. Il-konvenut jikkontendi li f'Jannar tas-sena 2010 it-telefon cellulari ma kienx baqa' fil-pussess tieghu ghaliex kien insteraqlu jew tilfu fil-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Hadd meta kien qieghed gewwa Paceville. Huwa jghid li ohtu Letizia Scicluna kienet cemplet lis-socjeta' attrici nhar il-Hadd filghodu u rraportat sabiex is-*sim card* tigi mwaqqfa. Jghid ukoll li l-ghada u cioe' fil-gurnata tat-Tnejn huwa kien mar fil-hanut tas-socjeta' attrici gewwa Rahal Gdid u ghamel rapport iehor sabiex is-*sim card* titwaqqaf.

24. Din il-Qorti wara li fliet il-provi kollha prodotti f'din il-kawza hija konvinta li l-verzjoni tal-konvenut li huwa irraporta minnufih lis-socjeta' attrici dwar il-fatt li t-telefon cellulari

---

[14] Ara Dok KG4 a *fol*. 5 tal-process
[15] Ara Dok KG 7 a *fol*. 10 tal-process
[16] Ara l-fattura a *fol*. 101 tal-process

ma baqax fil-pussess tieghu ma hijiex kredibbli. Il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li qieset li mill-*itemised bill* relattiv ghall-fattura in kwistjoni jirrizulta li t-telefonati internazzjonali bdew isiru fis-17 ta' Jannar 2010 fil-hin ta' 16:30:16.[17] Huwa ferm probabbli li din hija l-gurnata li fiha t-telefon cellulari ma baqax fil-pussess tal-konvenut. Madankollu kien biss fil-25 ta' Jannar 2010 fil-hin ta' 9:39, u cioe' tmint ijiem wara li l-konvenut mar fil-hanut tas-socjeta' attrici u iffirma l-awtorizazzjoni sabiex is-*sim card* tieghu tigi imblukkata.[18] Dan ifisser li ghal dawn it-tmint ijiem il-konvenut, minkejja li kien jaf li t-telefon cellullari kien fil-pussess ta' terzi bil-possibilita' li dawn jaghmlu uzu minnu, ghazel li ma jiehu ebda azzjoni.

25. Il-Qorti tqis ukoll li ma huwiex bizzejjed ghall-konvenut li jargumenta li ohtu Letizia Scicluna kienet cemplet lir-rapprezentanti tas-socjeta' attrici sabiex titlobhom iwaqqfu s-*sim card* tieghu, u dan meta fl-ewwel lok meta xehdet Letizia Sciluna bl-ebda mod ma indikat id-data preciza meta hija ghamlet din l-allegata telefonata izda llimitat ruhha biex b'mod vag tghid li dan sehh fil-bidu tas-sena 2010. Fit-tieni lok, l-istess Letizia Scicluna xehdet li l-konvenut ma kienx qalilha kemm kien ilu li tilef jew insteraqlu t-telefon cellulari.[19]

26. Mill-*itemised bill* relattiv jirrizulta li t-telefonati internazzjonali baqghu ghaddejin b'mod kostanti sal-25 ta' Jannar 2010. L-ahhar telefonata internazzjonali li sehhet f'din il-gurnata kienet fil-hin ta' 09:31:54. Kif gja rilevat, il-konvenut iffirma l-awtorizazzjoni sabiex is-*sim card* tieghu tigi imblukkata f'din l-istess gurnata ftit minuti wara u cioe' fid-9.39.

27. Is-socjeta' attrici tikkontendi li l-ghada u cioe' fis-26 ta' Jannar 2010 fil-hin ta' 14:28 il-konvenut mar fil-hanut tas-socjeta' attrici gewwa Rahal Gdid u hemmhekk irtira *sim card* gdida.[20] Il-Qorti tqis li l-kwalita' tad-dokument esebit mis-socjeta' attrici f'dan ir-rigward ma tippermettix li jitqies bhala prova tad-data li fiha l-konvenut irtira s-*sim card* l-gdida. Madankollu mill-*itemised bill* jirrizulta li fil-perjodu bejn il-25 ta' Jannar 2010 fil-hin ta' 9:39 u s-26 ta' Jannar 2010 fil-hin ta' 14:28 meta s-socjeta' attrici tallega li l-konvenut

[17] Ara *fol.* 112 tal-process
[18] Ara Dok KG1 a *fol.* 231 tal-process
[19] Ara x-xhieda ta' Letizia Scicluna a *fol.* 170 tal-process
[20] Ara Dok KG2 a *fol.* 232 tal-process

irtira s-*sim card* il-gdida, la saru telefonati lokali u lanqas internazzjonali, u dan jindika li s-*sim card* tal-konvenut kienet effettivament giet imblukkata mis-socjeta' attrici.

28. Mill-istess *itemised bill* jidher ukoll li t-telefonati internazzjonali regghu bdew isiru fis-26 ta' Jannar 2010, bl-ewwel wahda tkun fil-hin ta' 14:32:25 u l-ahhar wahda fil-hin ta' 19:18:46, b'kollox hames telefonati internazzjonali. Minuta wara u cioe' fil-hin ta' 19:19:33 u 19:20:54 jirrizulta li saru zewg telefonati lil *Call Center* tas-socjeta' attrici.[21] Wara dawn it-telefonati lil *Call Center*, ma sarux aktar telefonati internazzjonali fix-xahar ta' Jannar.

29. Fil-fehma konsiderata ta' din il-Qorti dan kollu jindika, fuq bazi ta' probabilita', li meta s-socjeta' attrici tat is-*sim card* il-gdida lill-konvenut regghet giet attivata s-*sim card* li kien hemm fit-telefon cellulari li ma kienx ghadu fil-pussess tal-konvenut u b'hekk it-terzi li kellhom il-pussess tieghu setghu regghu jaghmlu uzu minnu. Imbaghad meta il-konvenut cempel lil *Call Center* ir-rapprezentanti tas-socjeta' konvenuta hadu hsieb li jirratifikaw dan l-izball. Ta' dan m'ghandux ikun responsabbli l-konvenut u ghalhekk mill-ammont pretiz mis-socjeta' attrici ser tigi mnaqqsa s-somma ta' €15.63[22] rapprezentanti t-tariffa (inkluz it-taxxa) ghall-hames telefonati internazzjonali li saru fis-26 ta' Jannar 2010, u cioe' wara li l-konvenut kien talab li s-*sim card* tieghu tigi imblukkata.

30. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, il-konvenut jargumenta li s-socjeta' attrici kellha tipprova li t-telefonati internazzjonali saru mill-konvenut u li l-ahjar prova f'dan ir-rigward kienu il-*localisation details* li ma gewx prodotti mis-socjeta' attrici. Il-konvenut jaghmel referenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Vodafone Malta Ltd vs John Theuma** moghtija mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[23] 28 ta' Lulju, 2017, u jargumenta li f'dak il-kaz il-Qorti kienet emmnet il-verzjoni tal-konvenut u cahdet it-talbiet attrici.

31. Din il-Qorti tqis li l-argument tal-konvenut li s-socjeta' attrici kellha taghmel prova ta' min effettivament ghamel it-telefonati huwa wiehed fallaci. Dak li kellha tipprova s-socjeta' attrici huwa li t-telefonati effettivament saru bin-numru tat-telefon cellulari tal-konvenut, haga din li giet ampjament ipprovata permezz tal-*itemised bills* relattivi. In-

---

[21] Ara *fol.* 116 tal-process
[22] €2.07+€1.17+€2.74+€3.44+€3.44= €12.86 + excise tax @3%= €13.24 + VAT @ 18% = €15.63
[23] *Per* Imhallef Anthony Ellul

nuqqas li jigu prodotti l-*localisation details* ma ghandu ebda rilevanza ghal fini tar-responsabilita' tal-konvenut stante li kull ma seta' jigi ppruvat permezz ta' dik l-informazzjoni huwa l-lok gewwa Malta minn fejn sehhew it-telefonati, liema informazzjoni bl-ebda mod ma kienet ser tehles lill-konvenut mir-responsabilita' tieghu.

32. Il-Qorti rat ukoll is-sentenza fl-ismijiet **Vodafone Malta Ltd vs John Theuma** kwotata mill-konvenut, u hija tal-fehma li l-fattispecie tal-kaz citat mill-konvenut huma differenti minn dawk tal-kawza odjerna. F'dak il-kaz kien instab li l-kont tal-utent kien gie *hacked* u ghalhekk il-Qorti qieset li ma kienx hemm ness bejn l-utent u l-uzu tal-kont tieghu. Fil-kaz odjern irrizulta li l-konvenut halla diversi granet jghaddu minn meta tilef jew insteraq it-telefon cellulari tieghu ghal meta ha azzjoni sabiex is-*sim card* tieghu tigi imblukkata, u li n-nuqqas tal-konvenut li jiehu azzjoni fi zmien ragonevoli wassal sabiex isiru t-telefonati internazzjonali in kwistjoni.

33. Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tqis li l-konvenut huwa responsabbli li jhallas lis-socjeta' attrici:

- €431.88 bhala penali ai termini tal-ftehim datat 12 ta' Awwissu 2009;
- €99 bhala penali ai termini tal-ftehim datat 14 ta' Settembru 2009; u
- €6,452.57 rapprezentanti servizz provdut fuq it-telefon cellulari tal-konvenut wara li mill-ammont pretiz mis-socjeta' attrici giet imnaqqsa s-somma ta' €15.63 rapprezentanti t-tariffa ghall-hames telefonati internazzjonali li saru fis-26 ta' Jannar 2010,

u dan ghal total ta' €6.983.45.

**Konkluzjoni**

34. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tichad l-ewwel, it-tielet u r-raba' eccezzjonijiet tal-konvenut;

2. Tilqa' in parte it-tieni eccezzjoni tal-konvenut;

3. Konsegwentement tilqa' limitatament it-talba tas-socjeta' attrici u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef disa' mija u tlieta u tmenin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€6,983.45), bl-imghax mil-lum sad-data tal-pagament effettiv;

35. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu in kwantu ghal kwint mis-socjeta' attrici u in kwantu ghal erba' kwinti mill-konvenut.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**